**Stqarrija għall-istampa**

**Nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli qegħdin ibatu l-konsegwenzi tal-kriminalizzazzjoni tal-abort**

Fid-dawl tal-kundanna riċenti mill-Qorti għal mara li għamlet abort mediku fid-dar tagħha, il-Kummmissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) qiegħda ssejjaħ għad-dekriminalizzazzjoni tal-abort sabiex jiġu mħarsa d-drittjiet, is-saħħa u l-benesseri tan-nisa. Mill-każ fil-Qorti joħroġ li l-mara, ommi ta' wild żgħir, kienet f'relazzjoni abbużiva u kellha problemi ta' saħħa mentali. Huwa sinifikanti l-fatt li kien is-sieħeb abbużiv tagħha li rrappurtaha lill-pulizija.

Dan il-każ inkwetanti juri l-inġustizzjiji li n-nisa qed isofru minħabba l-kriminalizzazzjoni totali tal-abort f'Malta. Il-liġi kurrenti qed tintuża bħala mezz ta' poter u kontroll fuq in-nisa. Filwaqt li ninnutaw li l-pulizija trattaw lil din il-mara b'rispett, u li l-Qorti tat sentenza ħafifa, jibqa' l-fatt li sieħeb abbużiv seta' jibda proċess kriminali kontra mara minħabba l-liġijiet inġusti li jikriminalizzaw l-abort.

In-nisa qatt ma m'għandhom jiġu interrogati, jittellgħu l-Qorti u potenzjalment jiffaċċjaw sentenza ta' priġunerija minħabba ċirkustanzi li ġiegħluhom jieħdu deċiżjoni personali. Nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal nisa f'relazzjonijiet abbużivi, nisa b'nuqqas ta' mezzi finanzjarji u nisa immigranti, qegħdin ibatu l-agħar konsegwenzi tal-kriminalizzazzjoni tal-abort minħabba possibiltajiet limitati biex jivvjaġġaw barra minn Malta u minħabba li hemm iktar ċans li jiġu rrappurtati lill-pulizija. Il-ligijiet attwali dwar l-abort qegħdin iżidu r-riskji u t-tbatijiet tan-nisa f'dawn is-sitwazzjonijiet, u b'hekk ikattru l-inġustizzja soċjali.

Dan il-każ juri wkoll l-importanza li s-saħħa mentali ma tiġix eskluża mill-emenda tal-kodiċi kriminali, mressqa quddiem il-Parlament is-sena li għaddiet, li tippermetti t-tmiem ta' tqala meta l-ħajja u s-saħħa tal-mara jkunu fil-periklu. Iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ juru li s-saħħa mentali tista' tkun fattur ewlieni li jimpatta s-saħħa u l-benesseri tal-mara matul it-tqala. Is-saħħa mentali tan-nisa hija importanti daqs is-saħħa fiżika u t-tnejn huma marbutin b'mod inseparabbli. Kwalunkwe messaġġ kuntrarju għal dan ikun żbaljat u perikoluż.

**16 ta' Ġunju 2023**